**FIT - TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR**

***SMALL CLAIMS TRIBUNAL***

## GUDIKATUR: DR ANTHONY ELLUL, LL.D.

**SEDUTA TA' NHAR IL-HAMIS 11 TA' APRIL, 2002**

**Numru: 2**

**Avviz Nru: 476/02AE**

**Francis Busuttil & Sons (Marketing) Limited**

**Vs**

**Jacqueline Mackay Saliba**

**It-Tribunal,**

Ra l-avviz tat-talba li permezz tieghu is-socjeta attrici talbet il-hlas tas-somma ta' mija u erbgha u erbghin lira Maltija u wiehed u sittin centezmu (Lm144.61) rapprezentanti flus li ngabru minghand klijenti tas-socjeta attrici u li ghadhom fil-pussess tal-konvenuta.

Ra li mill-atti jirrizulta li ghalkemm il-konvenuta giet debitament notifikata bl-avviz tat-talba, ma kkontestatx il-kawza fit-terminu preskritt mil-ligi u lanqas ma dehret ghas-seduti li nzammu quddiem it-Tribunal.

Semgha lill-avukat Dr. Vanessa Borg in rapprezentanza tas-socjeta attrici tikkonferma bil-gurament l-avviz tat-talba u li l-ammont mitlub ghadu kollu dovut.

Ghaldaqstant, peress illi t-talba tas-socjeta attrici tirrizulta sodisfacentement ippruvata, u wara li ra l-Artikolu 13(b) tal-Att V tal-1995, it-Tribunal jilqa' t-talba u jikkundanna lill-konvenuta thallas is-somma ta' mija u erbgha u erbghin lira Maltija u wiehed u sittin centezmu (Lm144.61) kif fuq spjegat, bl-imghax mid-data tan-notifika ta' l-avviz tat-talba.

L-ispejjez (mhux inkluzi d-drittijiet legali) huma ghak-karigu tal-konvenuta.

**Avukat Dr. Anthony Ellul**
**Gudikatur**